MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 430/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Terence Grixti (K.I. 527184M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn tlieta u hamsin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1253.28c), liema ammont huwa in konnessjoni ma' 79021188 (A/C40167696) liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Novembru, 2011.

Illi s-somma ta' elf mitejn tlieta u hamsin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1253.28c) fuq indikata hija komposta minn elf mija erbgha u hamsin ewro u tmienja u ghoxrin

centezmu (€1154.28c) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument A anness, flimkien ma’ disgha u disghin ewro (€99) dovuti bhala penali skont il-kuntratt.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2231/2012, u bl-imghax mit-2 ta’ Ottubru, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Prospett- AC40167696

Dok B – Kuntratt datat 29 ta’ Novembru, 2011

Dok C - Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 2231/12

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-27 ta’ Mejju, 2014 mill-Avukat Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf mitejn tlieta u hamsin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1253.28c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-avviz ta’ din it-talba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------